

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1400/2013

tat-18 ta' Diċembru 2013

li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Τοματάκι Σαντορίνης (Tomataki Santorinis) (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2), il-punt a), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, it-talba mill-Greċja biex id-denominazzjoni "Τοματάκι Σαντορίνης" (Tomataki Santorinis) tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>.

- (2) Billi ma ġiet innotifikata l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "Τοματάκι Σαντορίνης" (Tomataki Santorinis) għandha għalhekk tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,Dacian CIOLOȘ  
Membru tal-Kummissjoni<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU C 167, 13.6.2013, p. 22.

## ANNEX

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati**

IL-GREĠJA

Τοματάκι Σαντορίνης (Tomataki Santorinis) (DPO)